MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 220/2013

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Muscat Joseph**
**ID1043945-[M]**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici iddikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn, tmienja u disghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€298.59c) in konnessjoni ma’ servizz/i ta’ kommunikazzjoni bin-numru 79827555 numri tal-kont A/C40169009, moghtija mis-Socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-Trattazzjoni ta din il-kawza.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra d-dokumenti li gewipprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.'A' sa Dok.'C'.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha d-deposizzjoni tar-rapprezentant tas-Socjeta' attrici, liema xhieda nghatat fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 2015, fejn gie dikjarat illi l-konvenut ma wettaq ebda hlas in rigward l-ammont pretiz u ghalhekk l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' mitejn, tmienja u disghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€298.59c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------